MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 246/2011

**Adrian Sciberras (K.I. 224580M)**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**Advanced Telecommunications Systems Co. Limited**
**Vs**
**Angela Woodford (K.I. 48641A)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' seba' mitt ewro (€700) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut fuq il-prezz ta' tlett *laptops* li l-konvenuta akkwistat minghand is-socjeta' attrici bejn it-22 ta' Jannar 2009 u t-t-23 ta' Jannar 2009 u dan ghal-prezz kumplessiv ta' Eur 1520.

Il-konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas u dan kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba u mmarkat bhala 'Dokument A'.

Ghaldaqstant is-Socjeta' attrici qed titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas l-bilanc dovut.

Bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April, 2011, gie pprezentat kapitlu mill-Avukat David Mallia u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------